# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Anthony Bonett**

**Seduta tad-9 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Anthony Bonett**, detentur tal-karta tal-identita` numru 637848M fejn ġie mixli talli

> Nhar l-4 t'April 2017 u fil-ġranet u l-ġimgħat ta' qabel, ġewwa garaxxijiet bin-numri 21 u 25 sitwati f'San Franġisk Basement Garages, Triq is-Soll, Santa Venera :
>
> 1. Ġiegħelt annimal isorfi wġiegħ, tbagħtija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u dan bi ksur tal-Artikoli 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;
> 2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żammejt qew qbilt li żżomm annimali mingħajr ma kont responsabbli għat-trattament

xieraq tagħhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma' ħadx dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġijiet ta' annimal li kien responsabbli għalih, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimal, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi matul is-seduta tat-18 t' Ottubru 2017 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;[1]

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat ukoll li matul l-istess seduta l-Uffiċjal Prosekutur eżebixxa l-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-proċedura f'dan il-każ tipprosegwi sommarjament;[2]

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien

[1] Folio 8 tal-atti proċesswali.
[2] Folio 4 tal-atti proċesswali. Kunsens datat id-9 ta' Ġunju 2017.

biżżejjed biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja. Il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat li matul is-seduta tal-20 ta' Diċembru 2017 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi;[3]

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat :-***

Illi f'dan il-każ l-imputat huwa mixli bi ksur tal-Liġijiet li jittrattaw il-ħarsien tal-Annimali. Fil-fatt huwa mixli bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid : -

> 8. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jipprovdi għall-mod li bih dawk l-ispeċi u kategoriji ta' annimali kif jiġi preskritt għandhom jiġu mħarsa, mitmugħa, misqijin, mdewwa u mgħallma u l-kwalifiki tal-persuni li jkunu responsabbli għal dan.

[3] Folio 85 tal-atti proċesswali.

(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.
(3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.

(4) Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.

Illi mill-provi prodotti, ġie soddisfaċentement ippruvat li l-imputat kien qiegħed iżomm għadd ta' fniek u żewġt iklieb f'żewġ garaxxijiet differenti – 21 u 25, Triq is-Soll, Santa Venera. Dan ġie kkonfermat mix-xiehda tal-Uffiċjali tal-Animal Welfare Joseph Cassar u Fiorita Sammut nonche mir-rapporti bil-miktub li huma għamlu u li ppreżentaw fl-atti ta' din il-kawża.

Fl-ewwel spezzjoni datata 23 ta' Ġunju 2016 l-Animal Welfare Officers kienu marru fuq il-post wara li kien hemm rapport li kien hemm xi *puppy mill* li kienet qed tiġi miżmuma f'garage fid-dlam. Dakinhar ma setgħux jagħmlu spezzjoni sew u ddeċidew li jagħmlu spezzjoni oħra f'data oħra.

Din it-tieni spezzjoni saret l-għada 24 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta tal-14:10. Dawn l-istess uffiċjali sabu li fil-garage numru 21 kien hemm żewġt iklieb – French Bulldog li kienet tidher f'saħħitha u ċċippjata f'isem Joyce Jason u poodle ta' seba' snin iċċippjata u f'qagħda ta' saħħa tajba u li kienet reġistrata f'isem l-imputat. Raw ukoll għadd ta' fniek f'gaġeġ u li kellhom ilma u ikel. Minn naħa tagħhom l-Uffiċjali kienu taw parir - *advised* - lill-imputat sabiex ikabbar l-ispazju fejn iżomm il-klieb kif ukoll li kellu jnaddaf aktar ta' spiss il-gaġeġ tal-fniek.

Għamlu wkoll spezzjoni fil-garage numru 25 minn fejn irriżulta li l-imputat kien ukoll qiegħed iżomm għadd ta' fniek f'gaġeġ fuq in-naħa ta' wara ta' dan il-garage. Irriżulta li dawn il-fniek fil-gaġeġ kienu crowded u kien hemm ħafna ħmieġ taħthom. L-Uffiċjal wissew lill-imputat li dawn il-fniek ma setgħux jinżammu f'din il-kundizzjoni u li kien jeħtieġ li jingħatalhom aktar dawl naturali. Tawh parir sabiex jipprovdilhom aktar dawl, inkluż b'mezzi artifiċjali, u tawh ġimgħa żmien sabiex ikun jista' jwettaq dak li ssuġġerewlu. Tawh ukoll l-għażla li jekk dak suġġerit minnhom ma kienx possibbli, allura huwa kellu jneħħi l-fniek minn dak il-garage.

L-ispezzjoni li jmiss kienet inżammet fil-25 ta' Lulju 2016 u meta l-istess Uffiċjali staqsew lill-imputat jekk kienx irranġa s-sitwazzjoni kif kienu ssuġġerewlu, huwa wieġeb fin-negattiv.

Saret spezzjoni oħra fil-31 t'Awissu 2016 mill-istess żewġt Uffiċjali Cassar u Sammut. Is-sitwazzjoni f'dawn il-garaxxijiet kienet baqgħet l-istess bħal ma kienet meta kienu marru fit-tieni spezzjoni tagħhom tal-24 ta' Ġunju 2016 inkwantu l-post fejn kienu qed jinżammu l-klieb ma ġiex imkabbar u l-ħmieġ li kienu maħkuma minnhom il-gaġeġ tal-fniek baqgħa l-istess. Din id-darba kienu sabu li kien hemm French Bulldog, iċċipjat u li kien reġistrat fuq l-indirizz tal-imputat u kien hemm ukoll ġeru. Instab ukoll il-French bulldog li kienu raw preċedentement u li kien għadu reġistrat fuq Joyce Jason, minkejja li l-Uffiċjali kienu wissew lill-imputat sabiex huwa jagħmel trasferiment tal-kelb fuq ismu, jekk huwa ried li jżommu f'dak il-post. Il-poodle ma kienx fuq il-post u l-imputat qallhom li kien ħadu fl-indirizz tiegħu f'Tas-Sliema. Matul l-ispezzjoni tal-garage numru 25 irriżulta wkoll li l-istess gaġeġ kienu għadhom mimlija fniek u li kienu f'qagħda ta' ħmieġ u ntejjen qawwija t'urina li kienet tinxtamm u ttaqqal in-nifs. Ma kien sar xejn minn dak suġġerit preċedentement lill-imputat.

Spezzjoni oħra kienet ġiet miżmuma nhar l-4 t'April 2017 mill-istess Uffiċjali Sammut u Cassar. Fil-garage numru 25 kien hemm ammont ta' fniek li kienu miżumuma fid-dlam, kien hemm bieb tal-mesh wire u kien hemm ukoll riħa qawwija ta' urina. Il-garage kien miżmum fi stat maħmuġ bħal ma kien irriżulta fl-ispezzjonijiet preċedenti. Peress li l-

garage qiegħed il-bogħod mill-iżbokk għall-arja, dan ma kellux dawl natural biżżejjed. Fil-garage numru 21 kien hemm tliet iklieb – French bulldogs – minbarra numru ta' fniek miżmuma f'kundizzjoni ta' ħmieġ kbir. Huwa ċaħad li kien il-proprjetarju tal-garage jismu "Naħli" – mnejn kien hemm ħsejjes ta' tiġieġ.

Dawn ir-rapporti u xiehda tal-Animal Welfare Officers Sammut u Cassar huma msaħħa wkoll b'diversi ritratti meħuda minnhom matul l-ispezzjonijiet varji li huma għamlu fuq il-postijiet rilevanti għal dan il-każ.

Minn naħa tiegħu l-imputat itenni li huwa verament kien jieħu ħsieb dawn iż-żewġ garaxxijiet u li huwa kien iżomm il-fniek u l-klieb kif qalu l-Animal Welfare Officers. Jgħid li huwa prova jirrimedja għal ċerti suġġerimenti li għamlulu l-Animal Welfare Officers, inkluż id-dawl artifiċjali, u dan peress li huwa ma setgħax jiftaħ twieqi fuq proprjeta ta' terzi, filwaqt li saħaq li huwa kien regolarment inaddaf lill-fniek li kellu hemmhekk. Jgħid ukoll li huwa beda jnaqqas mill-fniek li kien irabbi, tant li illum ma għadx fadallu fniek. Biss żamm tliet iklieb. Ibnu kellu petshop u l-kelba tal-*poodle* kienu biegħuha.

*Ikkunsidrat : -*

Illi kwantu għall-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni riedet tipprova li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, b'atti ta' kommissjoni jew omissjoni, l-imputat żamm annimali li kienu qed ibagħtu uġiegħ, tbagħtija jew dwejjaq mingħajr bżonn jew abbandun t'annimali. Issa f'dan it-tip ta' reati, il-Qorti għandha diffikulta' oġġettiva dwar kif tista' tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar jekk ġiex integrat dan ir-reat o meno. Ma hemmx dubju li l-klieb u l-fniek huma esseri ħajjin u li għandhom emozzjonijiet u li għandhom ċerti ħtiġijiet. Hija dejjem diffiċli li tifhem kif annimali differenti jistgħu iħossuhom f'ċirkostanzi varji. Iżda huwa diffiċli li wieħed jifhem sewwasew xi jkunu l-emozzjonijiet li speċji t'annimali differenti mill-bniedem ikunu qegħdin iħossu f'ċirkostanzi partikolari. Biex bniedem jifhem kif iħossu kelb jew fenek f'ċirkostanzi partikolari, irid l-ewwel jifhem xi ħsibijiet u emozzjonijiet dan l-annimal iħoss bil-kriterji u l-valuri intellettivi u emozzjonali tiegħu bħala kelb u bħala fenek. Altrimenti dak li l-bniedem ikun qiegħed jagħmel huwa li juża l-kejl u l-kriterju tiegħu dwar xi jkun uġiegħ, dwejjaq jew tbagħtija f'kuntest fejn annimal li ma għandux id-don tal-kelma ma jkunx jista' jesprimi. Hemm ċirkostanzi fejn annimali juru emozzjonijiet ċari bħal uġiegħ jew dwejjaq – b'mod partikolari l-klieb. Iżda huwa aktar diffiċli tifhem kif fenek ikun qiegħed iħoss uġiegħ, dwejjaq jew tbgħatija.

Mill-banda l-oħra hemm ċerti fatturi oġġettivi li grazzi għalihom il-bniedem jista' raġonevolment jikkonkludi li jekk javveraw ruħhom, l-annimal in kwistjoni ikun qiegħed ikun suġġett għal tbagħtija jew dwejjaq jew uġiegħ. Hekk hu l-każ, per eżempju meta annimal li fl-istat naturali tiegħu huwa annimal li jimraħ u jiġri fil-kampanja. Meta dan jiġi mċaħħad minn din il-predisposizzjoni naturali tiegħu, l-istess annimal ikun qiegħed ikun kostrett li jaġixxi kontra n-natura tiegħu. Hekk allura jiġri lil kull annimal maqful f'gaġġa, b'mod partikolari jekk dan ikun miżmum b'mod imrassas, nonche maħmuġ. Biex tifhem dan, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tittrasponi l-valuri intellettivi u emottivi ta' dawn l-annimali differenti u tipprova tifhimhom bil-valuri tagħha ta' annimal -bniedem u għalhekk ma jkollhiex għaliex tkejjel u tqejjes jekk dawn l-annimali ħassewx uġiegħ, dwejjaq jew tbgħatija bi kriterji tagħha ta' esseri xjenti u uman u dan għaliex kull ma trid tagħmel huwa li tara sewwasew x'jiġri fi stat ta' natura. Il-Qorti tista' tassumi kif iħossu fenek f'gaġġa, meta hija tkejjel b'xibirha u tqis li bniedem f'gaġġa ma jħossux sew. Iżda kif tista' tgħid hi li anke fenek iħossu ħażin meta jkun ġewwa gaġġa? Tista' tgħid li bniedem iħossu aktar ħażin meta jkun f'gaġġa li tkun ukoll iffullata u maħmuġa. Iżda kif tista' tgħid jekk fenek iħossux l-istess bħal ma jħossu bniedem f'dik is-sitwazzjoni identika? Iżda li l-Qorti tista' faċilment tikkonkludi huwa li fenek f'gaġġa mhux żgur fl-istat naturali tiegħu in kwantu dan imdorri skont in-natura tiegħu li jimraħ fl-egħlieqi u fil-ħofor. Allura meta fenek ikun magħluq f'gaġġa, il-fatt waħdu li magħluq diġa qiegħed imur kontra n-natura tiegħu –

ħaġa li minnha nnifisha tikkaġuna dwejjaq lil dan l-annimal, jekk mhux ukoll tbagħtija in kwantu mġiegħel imur kontra n-natura tiegħu ta' annimal li jimraħ u jiġri fil-ħdura, għelieqi u widien.

Mill-banda l-oħra, kelb li huwa aktar komunikattiv mal-bniedem milli huwa fenek, ukoll huwa annimal li jrid l-ispazju fejn jimraħ. Kelb ukoll, mingħajr kliem, jurik kemm japprezza l-fatt li jkun jista' jmur jiġri u jaqbeż l-hemm u lil hawn. Żgur li mhux fin-natura ta' kelb li jinżamm magħluq f'garage mudlam, maħmuġ u fi spazju ristrett. L-anqas ma huwa fin-natura tiegħu li kelb jinżamm marbut ma ċinga qasira ħafna b'mod li l-anqas ikun jista' jdur jew jiċċaqlaq sew. Anke dawn huma ċirkostanzi oġġettivi li meta mqablin u mkejlin ma' kif kelb fl-istat naturali tiegħu għandu jkun jistgħu raġonevoment iwaslu lil Qorti li tikkonkludi li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kien hemm element ta' uġiegħ jew dwejjaq jew tbagħtija kaġunata lil kelb.

Naturalment kollox huwa relattiv. F'dan il-każ, l-imputat mhux mixli li sawwat lill-annimali jew li ħaqarhom b'mod attiv b'atti ta' krudelta'. Iżda l-fatt li l-fniek u l-klieb kienu miżmuma f'ambjenti mudlama u maħmuġa wkoll iwaslu għal dak li l-Liġi trid li ma jsirx fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu, li aktar minn ħaġa oħra huwa wkoll dikjarazzjoni ta' prinċipji tradott f'Liġi sostantiva u punittiva, juri l-kriterji li għandhom jiġu rispettati fir-rigward tal-

annimali. Il-fatt li jingħataw ikel u xorb mhux biżżejjed biex annimali jiġu ritenuti li qed jiġu legalment imħarsa kif jixraq.

Il-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni wkoll fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Irriżulta soddisfaċentement ippruvat li l-annimali kienu qegħdin jinżammu f'ambjenti li kienu malsani. Annimal ma għandux jinżamm f'kundizzjonijiet ħżiena għall-għixien tiegħu. U dan kemm għall-benefiċċju tas-saħħa tal-annimal innifsu kif ukoll għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bnedmin li jkunu f'kuntatt ma' dawn l-annimali – aktar u aktar jekk dawk l-annimali jiġu mibjugħa jew bħala *pets* kif ukoll għall-ikel.

Il-fatt li l-annimali f'dawk il-garaxxijiet kienu qegħdin miżmuma f'ambjenti malsani huwa evidenti kemm mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni kif ukoll mir-ritratti eżibiti mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Jirriżulta soddisfaċentement ippruvat li l-kundizzjoni li l-annimali kienu qegħdin jinżammu fih ma kienux joffru trattament xieraq li jassiguraw li l-ħtiġiet ta' annimali de quo kienu suffiċjenti biex jassikuraw is-saħħa u l-benesseri tal-istess annimali. Dawn il-ħtiġijiet, minbarra l-provvista ta' ikel u xorb (li jidher li kien hemm) kienu wkoll jirrikjedu li l-annimali jkollhom il-provvista ta' ambjent xieraq, lok sabiex l-annimali jesprimu l-

imġiba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.

Filwaqt li ma nġiebet ebda prova ta' wġiegħ, korriment jew mard, ġie soddisfaċentement ippruvat li l-annimali in kwistjoni kienu qed jinżammu fi stat ta' ħmieġ b'riskju għas-saħħa u l-benesseri kemm tal-annimali kif ukoll tiegħu innifsu u tal-klijenti tiegħu jew ta' wliedu. Minkejja li l-imputat ingħata diversi twissijiet konsegwenti spezzjonijiet varji, kif ukoll ingħata żmien konsiderevoli biex huwa jirranġa s-sitwazzjoni, huwa naqas milli jagħmel dan ripetutament. Għalkemm il-Qorti tista' tifhem li l-imputat ma setgħax jiftaħ twieqi fuq proprjeta ta' terzi, huwa setgħa faċilment li jżomm l-annimali f'qagħda aħjar kemm kwantu ta' spazju, dawl artifiċjali kif ukoll, u b'mod partikolari dak ta' iġjene. Ingħata diversi opportunitajiet jirrimedja dan, iżda hu għażel li jagħmel ftit li xejn biex itejjeb is-sitwazzjoni tal-annimali li kien iżomm f'dawn il-garaxxijiet. U kif jgħid il-Malti, il-ġarra, ġejja u sejra, fl-aħħar tinkiser.

# *DECIDE*

Li wara li rat l-Artikolu 8(2)(3)(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lil **Anthony Bonett** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal multa komplessiva ta' elf euro (€1000).

***Aaron M. Bugeja***